# Il-Ħadd 29.07.2018

1. Il-Ħamis 02/08:
   - Fis-7:00pm - Ftira Night għall-koppji miżżewġa f'Wied iż-Żurrieq.
     Min bi ħsiebu jattendi jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-Kummissjoni Familja.

2. Il-Ġimgħa 03/08, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.
   - Fis-7:30pm - Velja ta' talb fil-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp Ħaddiem, Birkirkara li fiha Mons. Joseph Galea-Curmi ser jagħmel l-istqarrija tal-fidi, jieħu l-ġurament tal-fedeltà u jitbierku l-baklu, il-mitra u ċ-ċurkett li ser jintużaw waqt l-ordinazzjoni episkopali tiegħu.

3. Is-Sibt 04/08:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-7:00pm - Quddiesa tal-Ordinazzjoni ta' Mons. Joseph Galea-Curmi bħala Isqof Awżiljarju ta' Malta fil-Katidral tal-Imdina.
     Kulħadd huwa mistieden biex jattendi u jitlob għalih.

4. Avviżi oħra:
   - Wasal il-*'Flimkien'* tax-xahar ta' Awwissu. Min iqassmu mitlub jiġbru mis-Sagristija.
   - Il-Każin Banda San Pawl jixtieq ifakkar li mill-Ħadd 5/08 xi membri ser jiġbru l-envelopes b'risq il-festa esterna bejn id-9:00am u 12:00pm, kull nhar ta' Ħadd. Grazzi bil-quddiem.

5. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Is-Sibt 11/08: Il-Kunsill Lokali qed jorganizza Ġurnata Sqallija.
     Aktar informazzjoni tinkiseb mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali stess.
   - L-applikazzjonijiet tal-korsijiet għall-adulti li qed jiġu organizzati mid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja huma miftuħin sal-Ġimgħa 3/08 u jerġgħu jiftħu l-Ħamis 13/09 u l-Ġimgħa 14/09. Aktar dettalji jew għajnuna biex timtela l-applikazzjoni tingħata mill-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali jew miċ-Ċentri Nazzjonali ta' servizz.gov.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 235 bħala ġabra b'risq il-Festa ta' San Pawl;
   - € 590 mill-envelopes bl-istess għan;
     Lil min għadu ma tax sehemu nitolbu ma joqgħodx lura. Grazzi.